# Editorjal

Romario Sciberras

Il-pubblikazzjoni li għandek f'idejk bħalissa probabbilment se tiżdied mal-bqija tal-ħarġiet ta' *Leħen il-Malti*. Fil-każ tiegħi, se tiżżerżaq fl-ixkaffa t'isfel tal-armarju li nsejjaħ il-librerija tiegħi, min-naħa tax-xellug għal-lemin. Xi wħud jaf għandhom l-edizzjonijiet kollha iżda ferrxuhom mal-librerija tagħhom, oħrajn probabbli ddedikaw rokna minn eks skrivanija fejn tiela' torri ta' *Leħen*, trab u wegħdiet ta' "mal-ewwel ċans li jkolli, naqrahom dawn – żgur." Hu x'inhu l-każ, irrispettivament mill-ispazju fiżiku li se jokkupa l-ktieb, huwa parti min–narrattiva twila — s'issa bla tmiem — ta' *Leħen il-Malti*/leħen il-Malti.

Il-*Leħen* huwa bniedem bħalek u bħali għaliex ikompli jikber u jinbidel; iġarrab esperjenzi differenti li wħud minnhom jinbnew fuq ta' qabilhom, oħrajn jinbtu maqtugħin kompletament mill-bqija, u saħansitra oħrajn jintisġu flimkien. Il-*Leħen* huwa wieħed mill-ulied li tat l-Għaqda, bi ġrajja li ssensel flimkien tiġrib poetiku, prożajku u akkademiku.

La huwa bniedem, il-*Leħen* iħoss il-bżonn li jirrakkonta, li joħloq narrattivi mill-esperjenzi tiegħu li, fl-aħħar mill-aħħar, huma l-esperjenzi ta' min ħalqu. *Il-Leħen* jagħżel l-esperjenzi mill-ħafna għax huwa bniedem li qed jipprova jagħmel sens mill-għajxien tiegħu bl-interpretazzjoni ta' mumenti li jiġu u jmorru, oħrajn li jtulu l-minuti, xi wħud is-sigħat, u nibqgħu sejrin hekk.

Il-*Leħen* huwa multipliċità ta' persuni f'persuna waħda, ġrajja waħda magħmula minn narrattivi ħafna iċken li lkoll għexna b'isem differenti, fi stati korporali differenti, ma' persuni diversi, f'waqtiet separati; fi kliem ieħor, bħal xulxin imma daqstant distinti. Għalhekk, *il-Leħen* huwa leħinna; huwa aħna lkoll li qed inżommu dan il-ktieb f'idejna għaliex...

id-drabi li kellna nżommu 'l qalbna milli tinsa 'l sidha bil-ferħ li qabadha...

...il-mumenti li kellna nagħsruha għaliex ma flaħniex it-tiċrit tal-uġigħ...

...is-sigħat li qattajna mitlufin nippruvaw nifhmu l-għaliex tas-sekondi li għaddew minn ġo fina mingħajr ma nafu kif...

...kull kikkra kafè li qlibna aħna u naqilgħu l-balal minn fuq l-istonku, sa ma l-vojt il-ġdid fina regħdilna jdejna...

...il-kordi vokali ineżistenti li pprovajna llaħħmu b'kitbietna għal min tnixxfulu b'għemil ħaddieħor...

inħallu f'narrattiva universali daqskemm hi idjosinkratika għal-*Leħen*, għal kull min ħalqu, u kull min qed jibqa' joħolqu.

Il-*Leħen* huwa inti li ktibt fih.

Il-*Leħen* huwa inti li qed taqrah.